

# Il-Kmamar tal-Pellegrini

Antonia Micallef

F'April li għadda bdiet l-ewwel fażi tax-xogħol ta' restawr fuq il-kmamar tal-pellegrini. Din il-fażi ta' xogħlijiet mistennija titlesta f'Ottubru li ġej. L-ispiża għax-xogħol li sar bejn April u l-aħħar ta' Ġunju biss, kienet diġà laħqet il-€100,000. F'intervista mal-Arċipriet tal-Mellieħa, Dun Joe Caruana spjegali l-proċess ta' restawr li qed isir fuq dawn il-kmamar fl-isfond tal-wirt storiku imprezzabbli tagħhom.

Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa huwa wieħed mill-ewwel għaxar parroċċi li kienu jeżistu f'Malta. Fl-1436, waqt żjara f'Malta mill-Isqof Senatore De Mello, dan isemmi li kien hawn għaxar parroċċi, fosthom tal-Mellieħa. Dak iż-żmien Malta kienet maqsuma bejn dawn l-għaxar parroċċi li kienu jissejħu parroċċi tax-xatt għax kellhom taħt il-ħarsien tagħhom ix-xtut. Il-parroċċa tal-Mellieħa, b'14-il kappella oħra, kienet tasal sal-Mosta.

Dak iż-żmien, is-Santwarju ma kienx kif nafuh illum, iżda kien jikkonsisti f'żewġ għerien li kienu jiffurmaw il-kumpless tas-Santwarju li kien il-knisja parrokkjali. Fl-għerien hemm il-pittura tal-Madonna tal-Mellieħa li meta tlesta r-restawr f'nofs l-2016, sar magħruf li din saret minn artist barrani mhux magħruf fuq stil Sikulo-Biżantin u huwa maħsub li tpinġiet fit-tieni nofs tas-seklu 14. Hija l-unika



pittura fuq il-ħajt ta' dak iż-żmien li tirrappreżenta lill-Madonna Hodegetria, jiġifieri, il-Madonna li turi t-triq li hu Ġesù.









L-Arċipriet Caruana fakkar fil-leġġendi piji li qal jeżistu kull fejn hemm xi forma ta' qima antika. Anki mal-pittura tal-Madonna tal-Mellieħa hemm marbuta waħda minn dawn il-leġġendi li tgħid li kien San Luqa li pitter l-ewwel xbieha tal-Madonna fuq il-ħajt tal-għar fis-sena 60 W.K. Żied jgħid li qabel ix-xbieha tal-Madonna kif nafuha llum, il-post kien diġà jintuża bħala post ta' qima. Fil-fatt, waqt l-aħħar restawr fuq ix-xbieha mill-kumpanija tar-restawr Atieler del Restauro, ġie nnotat li l-parti t'isfel tal-pittura tifforma parti minn niċċa. Wara din in-niċċa magħluqa b'ġebla huwa vojt iżda ġewwa fiha hemm imsiemer imwaħħlin li jindikaw li kien jitpoġġa xi musbieħ għad-dawl. Normalment kull fejn hemm niċċa, kien ikun hemm statwa.

Il-kmamar tal-pellegrini li nbnew f'fażijiet differenti jkomplu jagħtu xhieda tal-importanza tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Minħabba t-tradizzjonijiet antiki, is-Santwarju tal-Mellieħa, minn dejjem ġibed lejh numru kbir ta' pellegrini li kienu jiġu jżuru s-Santwarju. Fl-antik, min ma kienx jiġi l-Mellieħa bil-baħar, kien ikollu jimxiha u t-triq kienet twila. Kien għalhekk li ħafna drabi, dawn il-pellegrini kien ikollhom jieqfu l-Mellieħa għal-lejl u l-kmamar tal-pellegrini nbnew għal dan il-għan.

Hemm disa' kmamar mibnijin ma' Triq il-Marfa. Dawn x'aktarx inbnew lejn tmiem is-seklu 16. Il-kmamar kienu msaqqfa bi troll – sengħa arkitettonika partikolari Maltija ta' dak iż-żmien – bħalma hu s-saqaf tal-Konkatidral ta' San Ġwann. Dawn il-kmamar inbnew b'sengħa liema bħalha anki għax l-art kienet diżlivellata għan-niżla u rnexxielhom joħolqu disinn arkitettoniku biex fl-aktar parti li kienet għan-niżla, rebħu nofs kamra oħra.





Id-disa' kmamar ta' ġol-bitħa nbnew f'żewġ fażijiet oħra. Fl-ewwel fażi bejn l-1717 u l-1719 kienu fost affarijiet oħra, qatgħu l-ġebel minn Kemmuna u ġabuh il-Mellieħa u ġabu xorok minn San Ġiljan bil-barkun. Il-fażi l-oħra saret lejn l-ewwel nofs tal-istess seklu (1740) meta kien tkabbar ukoll is-Santwarju għall-istruttura kif nafuha llum. Il-kmamar ta' fuq ġew imsaqqfa b'arkata tal-ġebel u bix-xorok.

Qabel inbnew il-kmamar fil-bitħa, kien hemm diġà ħajt mibni jdawwar il-bitħa tas-Santwarju. L-Arċipriet Caruana qal li peress li kien hemm dan il-ħajt, biex jiffrankaw ix-xogħol u l-ispejjeż, minflok bnew il-kantunieri tal-kmamar billi jrikkbu ġebla fuq oħra, sempliċiment appoġġjaw miegħu biss. Dan wassal biex maż-żmien, il-ħajt kollu ta' barra minn fuq s'isfel, li jagħti għal fuq Triq il-Marfa, peress li ma kienx marbut mal-kmamar, beda jiġbed 'il barra b'mod allarmanti. Minn naħa s'oħra, tul id-disa' kmamar, il-ħajt iċċaqlaq kollu. Fin-nofs il-ħajt tant inġibed li kien hemm spazju miftuħ ta' madwar tmien pulzieri u x-xorok li kienu mqabbdin mal-ħajt, inqalgħu.

Il-ħajt mhux possibbli li jinġibed lura u għalhekk l-ewwel fażi tar-restawr tal-kmamar tikkonsisti fit-twaqqif tal-ħsara li qed issirilhom mingħajr ma tintilef l-estetika tagħhom. Ix-xogħol beda billi fil-kmamar ta' fuq, inqala' l-madum u t-torba kollha tal-kmamar u nġieb fuq it-troll. Fost miżuri oħra twaħħlu tliet vireg tal-pulzier u kwart fuq żewġ naħat opposti ta' kull kamra biex fuqhom jitpoġġa travu fuq u taħt xibka. Aktar vireġ qed jingħaddu minn bejn il-kmamar li jinfdu minn waħda għal oħra b'bieb f'kull kamra u mill-armarji tal-ġebel fuq in-naħa ta' ġewwa u tal-kmamar.

L-Arċipriet qal li b'dan il-mod, qed issir art ġdida li qed torbot il-faċċata tal-binja li tagħti għal fuq Triq il-Marfa ma' ġewwa filwaqt li kull kamra qed iżżomm lill-kamra l-oħra. Filwaqt li fil-kmamar t'isfel





ma kienx hemm bżonn ta' interventi kbar għax il-kmamar huma mibnijin fuq sisien sodi, mill-banda l-oħra qed isir ukoll intervent fuq is-saqaf tal-kmamar ta' fuq, f'forma ta' gaġġa, biex ikun jista' jintrabat il-ħajt ta' barra ma' dak ta' ġewwa. Waqt dan ix-xogħol, qed jingħaddu wkoll is-servizzi b'tali mod li ma jidhrux u l-materjal kollu li qed jintuża huwa dak li kien hemm fil-post.

Wara li f'Ottubru titlesta din il-fażi ta' kostruzzjoni tar-restawr, imbagħad tibda l-fażi li jmiss li mistennija titlesta qabel tmiem l-2020 meta d-disa' kmamar ta' ġol-bitħa tas-Santwarju, jibdew iservu bħala mużew tal-knisja li se jkun jinkludi, fost affarijiet oħra, iż-żjara tal-Papa San Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-1990. Sa sena wara għandhom jiftħu għall-pubbliku wkoll id-disa' kmamar t'isfel li se jservu bħala mużew ta' diversi snajja' Melliħin. Donazzjonijiet għal dan il-proġett ta' restawr jintlaqgħu dejjem fl-uffiċċju parrokkjali jew lill-parroċċa tal-Mellieħa.

Il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019 fit-7.45p.m. il-Kor tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, se jkun qed jagħmel il-kunċert annwali tiegħu fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Mellieħa u d-donazzjonijiet mill-pubbliku waqt dan il-kunċert se jmorru għar-restawr tal-kmamar tal-pellegrini.

